MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1026/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Glenn Mallia (ID. 415585M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ erba mija, hamsa u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€475.48) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut lis-socjeta’ attrici rigwardanti servizzi rezi lilu fuq kuntratt bin-numru 428565 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' erba mija, hamsa u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€475.48), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------